# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 112/2021 BS**

**Carmelo Cauchi**

**-vs-**

**Michael Cauchi**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Carmelo Cauchi[1] illi ppremetta:**

1. *"Illi l-esponenti huwa fil-pussess ta' porzjonijiet mill-għalqa magħrufa ta' Għajn Naħrin, drabi oħra Għajn tal-Ħaġar, limiti tal-Qala, Għawdex;*

2. *Illi nhar it-22 ta' Ottubru 2021, jew xi ġurnata oħra iktar tard, l-intimat qabad u daħal f'porzjonijiet minn dan ir-raba, u ħarathom;*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa s b'dokument a fol 4.

3. *Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin da parti tal-intimat għad-dannu tal-esponenti;*

4. *Illi għalkemm ġie interpellat sabiex jisporga dan l-ispoll anki permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-28 ta' Ottubru 2021 (Ittra Numru 681/2021) debitament innotifika lill-intimat dan baqa' inadempjenti;*

5. *Illi l-esponenti jrid li jiġi reintegrat fil-pussess tiegħu u għalhekk qiegħed jitob li l-intimat jiġi kkundannat sabiex jisporga wkoll l-atti spoljattivi suċċessivi tiegħu;"*

**Talab għalhekk sabiex jgħid il-konvenut għaliex m'għandix din il-Qorti:**

1. *" tiddikjara illi inti kkommettejt spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi telliftu fil-pussess ta' ħwejġu nhar it-22 ta' Ottubru 2021 meta inti ħratt dik il-parti mill-għalqa magħrufa ta' Għajn Naħrin, drabi oħra Għajn tal-Ħaġar, limiti tal-Qala, Għawdex kif ingħad hawn fuq;*

2. *tikkundannak tisporga l-ispoll vjolenti u klandestin minnkom kommess billi tiżgombra minn din ir-raba u tneħħi kull ostakolu li inti għamilt għad-dannu tar-rikorrenti;*

3. *fin-nuqqas illi inti teżegwixxi x-xogħlijiet fiż-żmien konċess lilek, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet huma a spejjeż tiegħek, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru 2021 jew xi ġurnata iktar tard, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn inss inti inġunt.*

*Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tiegħek."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Michael Cauchi[2] illi eċċepixxa:**

1. *"Illi l-esponenti ma jaqbilx mal-fatti esposti mil-attur stante li mhux minnhu li l-attur kellu l-pussess esklussiv tal-art de quo.*

[2] Risposta guramentata a fol 10 u 11.

2. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

3. *Illi l-esponenti huwa rikonoxxut flimkien mal-attur u aħwa oħra tal-kontendenti mil-Awtorita tal-Artijiet u għalhekk għandu kull dritt li jaħdem ir-raba de quo.*

4. *Illi l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi stante li ma jissustixxux l-elementi ta' spoll.*

5. *Illi l-konvvenut ma kkommetta l-ebda spoll fil-konfront tal-attur u għalhekk it-talbiet attriċi għandom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fis-26 ta' Mejju, 2022 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[3]

**Rat** in-nota tal-konvenut tas-17 ta' Mejju, 2023 li biha eżebixxa vera kopja tax-xhieda mogħtija mill-attur odjern fil-kawża numru 127/2003 nhar it-13 ta' Jannar, 2022 kif ukoll vera kopja ta' testment ta' omm il-partijiet kontendenti.[4]

[3] Verbal a fol 21.

[4] Nota a fol 56. Traskrizzjoni a fol 57 sa 61. Testment a fol 62 sa 63 bi pjanta a fol 64. **Fit-traskrizzjoni l-attur odjern jixhed** li t-testment ta' ommu huwa accettah bla ma rid ghax tradewh. Iżid li jaqbel li fit-tieni artikolu tal-istess testment ta' ommu r-raba' in mertu – li jirrizulta wkoll fil-pjanta annessa mat-testment – thalla bi prelegat lilu, lill ohtu Josephine Abela, u lill huh Michael Cauchi fi kwoti ndaqs bejniethom bil-pjanta turi ezatt fejn kellu jiehu Michael. Iżid jgħid li minkejja dan l-art kellha tinqasam skont kawża tal-Qorti stante li dik l-art tal-Gvern mhux ta' ommu. Jgħid li tali raba' dejjem hu hadimha tant li missieru hargu mill-iskola sena qabel sabiex jaħdem dik l-art. Iżid li r-raba' in mertu beda jaħdmu meta kellu inqas minn 14-il sena u baqa jaħdmu sa meta kellu 18-il sena. Jgħid li wara dan għamel 9 xhur imsiefer u rega' beda jaħdmu malli gie lura. Jgħid li rega siefer għal 5 xhur, gie lura, u rega kompla jaħdem ir-raba'. Jgħid li huwa waqaf biss jaħdem ir-raba' meta kellhom jaqsmu iżda baqgħu jikkancellaw l-appuntament għal-firma dwar il-qasma. Iżid li minkejja dan huwa baqa' jidħol fir-raba' jiehu hsieb ta' kull ma' jkun hemm bzonn. Jgħid li z-żmien fejn waqaf jaħdem ir-raba kien madwar nofs l-2020. Jgħid li l-fatt li f'dak iz-żmien ma' kienx jaħdem ir-raba' ma' jfissirx li ma' kienx jiehu hsiebu. **It-tieni artikolu tat-testment ta' omm il-partijiet** jaqra kif isegwi: *"It-testatrici thalli b'titolu ta' prelegat a favur ta' wliedha: Michael, Carmel u Josephine Abela, mart Nazzareno Abela, ahwa Cauchi, fi kwoti ugwali u indivizi bejniethom u bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari tar-rispettivi wliedhom f'kas ta' premorjenza ghat-testatrici u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas, id-dritt ta' inkwilinat li hija tgawdi mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern ta' Malta fuq it-territorju kollu msejjah "Ta' Ghajn Nahrin", fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka 12,553m.k. registrat mal-Gvern bil-file numru GS 24/71 – tenement numru Z50133, soggett għall-qbiela ta' Lm11.17,0. It-testatrici trid u tordna li binha Michael Cauchi għandu jippercepixxi l-parti diviza minn dan it-territorju tal-kejl ta' cirka 4126m.k. murija bl-ahmar fuq il-pjanta li qieghda tigi hawn annessa għall-konservazzjoni u registrazzjoni, u markata dokument "A". It-testatrici tobbliga lil kull wiehed u wahda mill-prelegatarji li jaghti l-kunsens tiegħu għad-divizjoni ta' dan id-dritt ta' inkwilinat."*

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għall-preżentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll għas-sentenza.[5]

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2024 il-prolazzjoni tas-sentenza kien għadha tiġi differita stante possibilita' ta' transazzjoni b'dan li sussegwement ġiet differita għal-lum.[6]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.[7]

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Corey Cauchi**, xehed permezz ta' affidavit.[8]

Jiddikjara li hu, ħutu u missieru baqgħu jaħdmu r-raba' "Ta' Għajn Naħrin" għal xi sena wara kawża li kien rebaħ missieru sakemm missieru qallu ma' jiżirgħu xejn qabel l-istess raba' jinqasam.

Jgħid li minkejja li waqf jaħdmu tali raba' fis-sens li ma' baqgħux jiżirgħu huma baqgħu jinżlu hemm stante li għandhom ukoll kamra fejn iżommu xi għodda li tintuża mkien ieħor. Iżid li kienu jinżlu wkoll sabiex jiżbru d-dwieli u ż-żebbuġ, jirranġaw l-għajn tal-ilma, u jtellgħu ħitan tas-sejjiegħ li jkunu waqgħu bil-maltemp.

Jgħid li bl-ilma tal-għajn kienu jisqu varji siġar tal-frott u dwieli.

Jgħid li fl-eqqel tas-sajf kien hemm minn iqabbad xi nar minn naħa tal-baħar meta r-riħ ikun lejn ir-raba' tagħhom. Jgħid li riżultat ta' dan darba

[5] Verbal a fol 80 u 81.
[6] Ref.: rikorsi konguntivi a fol 96 *et seq*. Nota kongunta tal-partijiet tal-10 ta' Mejju, 2024 – mhux paginata. Verbali sussegwenti mhux paginati.
[7] Nota tal-attur a fol 82 sa 88. Nota tal-konvenut tal-10 ta' Mejju, 2024 – mhux paginata.
[8] Affidavit a fol 14.

nħaraq b'biċċiet tal-pajpijiet tal-plastik mqabbda li taru u weħlu miegħu. Iżid li kien iċemplilhom ċertu John Paul Vella jgħidilhom li tqabbad xi nar.

Jgħid li missieru niżel fir-raba' nhar it-22 ta' Ottubru, 2021 u sab lill-konvenut Michael jaħdem ir-raba'.

Jgħid li qabel dakinhar zijuh Michael qatt ma' kien daħal f'dak ir-raba' u qatt ma' tellifhom fil-pussess tagħhom tal-istess.

**Ivan Abela**, xehed permezz ta' affidavit.[9]

Jiddikjara li huwa dejjem jaf lill-familja ta' zijuh Carmel Cauchi, l-attur, jaħdmu r-raba' u jaf li dwar l-istess raba' kien hemm kawża. Iżid li wara li nqatghet il-kawża huma baqgħu jaħdmu r-raba' għal aktar minn sena.

Jgħid li meta r-raba' għamel żmien ma' jinħadimx u waslet ix-xita kien staqsa lil zijuh kif ma' kienx qiegħed jinħadem. Jgħid li zijuh qallu li kienu ftehmu biex jaqsmu u rid jara x'ser jiġri.

Jgħid li l-familja ta' zijuh Charlie xorta baqgħu jinżlu fir-raba' stante li kellhom kamra b'mutur tal-ilma fiha.

Jgħid li huwa dejjem lil Charlie ra dieħel u ħiereġ mill-kamra. Iżid li waqt li zijuh kien fil-kamra uliedu u martu kienu jkunu jaqtgħu l-ħaxix għan-nagħaġ.

Jiddikjara li lil zijuh u familtu kien jaragħhom ukoll jiżbru ż-żebbuġ.

Jgħid li fis-sajf dejjem kien hemm il-problema tal-ħruq. Iżid li kienu jinżlu jippruvaw jitfu n-nirien.

Jiddikjara li wara maltempata kienu jinżlu wkoll itellgħu l-ħitan tas-sejjiegħ li jkunu waqgħu. Jgħid li n-nies ġieli sabu lilu u qalulu jgħid lil zijuh Charlie li jkun waqa' xi ħajt.

[9] Affidavit a fol 15.

Jgħid li fit-22 ta' Ottubru, 2021 ra lil zijuh ieħor, Michael Cauchi, jaħrat dan ir-raba'. Iżid li lil Michael qatt ma kien rah hemm qabel.

**John Paul Vella**, xehed permezz ta' affidavit.[10]

Jiddikjara li huwa bidwi u lill-attur Charlie Cauchi jafu bħala bidwi. Iżid li jiltaqgħu fir-raba'.

Jgħid li r-raba' tiegħu mhux imbiegħed minn dak ta' "Għajn Naħrin" fil-Qala.

Jiddikjara li għal Lulju u Awwissu hemm tendenza li fil-viċinanzi tar-raba' ta' Charlie jitqabbad in-nar.

Jgħid li ġie li nzerta li huwa kien fir-raba' waqt li jitqabbad in-nar fejn kien iċempel lil Charlie jew lil uliedu sabiex imorru jitfu n-nar.

Jgħid li dan l-aħħar in-nar kien qiegħed jitqabbad kull sena.

Jgħid li matul is-sena dejjem lil Charlie jew lil uliedu jara fir-raba'. Iżid li kienu jkunu jagħmlu xi ħaġa bħal jibnu xi ħajt. Jgħid li kien imur ikellimhom.

**Joseph Corey Cauchi**, xehed permezz ta' affidavit.[11]

Jiddikjara li wara li nqatgħet kawża fit-28 ta' April, 2017, hu, ħutu u missieru baqgħu jaħdmu r-raba' għal xi sena u nofs. Iżid li waqfu biss meta kien hemm qbiel dwar qasma. Iżid li minkejja dan baqgħu jinżlu fir-raba' stante li hemm għandhom kamra kif ukoll għodod li jużaw imkien ieħor.

Jiddikjara li baqgħu jinżlu wkoll sabiex jiżbru d-dwieli u ż-żebbuġ, jaqtgħu l-ħaxix għall-bhejjem, jirranġaw l-għajn tal-ilma li minnha jisqu

[10] Affidavit a fol 16.
[11] Affidavit a fol 17.

s-siġar tal-frott u dwieli, u jirranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ li jkunu waqgħu bil-maltemp.

Jgħid li fiż-żmien l-għasir taż-żebbuġ kienu wkoll jinżlu jaqtgħu ż-żebbuġ.

Jgħid li fl-eqqel tas-sajf ta' sikwit kien jitqabbad in-nar min-naħa tal-baħar meta r-riħ ikun lejn ir-raba' tagħhom. Iżid li hawn kien iċemplilhom John Paul Vella sabiex imorru jitfu n-nar u huma kienu dlonk imorru jagħmlu hekk.

Jgħid li fit-22 ta' Ottubru, 2021 missieru niżel fir-raba' u sab lil Michael jaħdem l-istess. Iżid li zijuh Michael qatt qabel ma' kien resaq lejn tali raba'.

**Carmelo Cauchi**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[12]

Jiddikjara li r-raba' "Ta' Għajn Naħrin" huwa l-istess raba' li kellhom kawża fuqu li nqatgħet fit-28 ta' April, 2017.

Jgħid li wara li nqatgħet il-kawża hu u uliedu xorta baqgħu jaħdmu tali raba' u dan għal madwar sena u nofs. Iżid li wara xorta baqgħu jmorru fir-raba' kemm għall-għodda li jżommu f'kamra li għandhom hemm kif ukoll sabiex jieħdu hsieb is-siġar taż-żebbuġ billi jaqtgħu ż-żebbuġ, isaqqu, u jiżbru.

Jgħid li kienu jmorru wkoll sabiex jaqtgħu l-ħaxix, jirrinġaw ħitan tas-sejjiegħ li jkunu waqgħu, u fl-eqqel tas-sajf, sabiex jitfu nirien li ta' spiss jitqabbdu man-naħa tal-baħar liema nar kien jitla sar-raba' tiegħu. Iżid li kienu jċemplulu u jgħidulu li hemm in-nar b'dan li hu kien imur ma' uliedu sabiex jitfuħ.

Jgħid li minkejja dan ma' baqgħux jaħartu u jiżirgħu peress li r-raba' kien għall-qasma.

[12] Affidavit a fol 18.

Jgħid li qed jeżebixxi ritratt tal-kamra li għandhom fir-raba' in mertu.[13]

Jiddikjara li fit-22 ta' Ottubru, 2021 fl-4 ta' wara nofsinhar niżel fir-raba' u sab lil ħuh Michael jaħrat l-istess. Iżid li din kienet l-ewwel darba li qatt ra lil Michael f'dan ir-raba'. Jgħid li qabel dakinhar il-pussess tar-raba' kien tagħhom u tagħhom biss.

Jgħid li hu ma' qalax inkwiet fuq il-post iżda mar għand l-avukat u bagħat ittra. Jgħid li minkejja dan spiċċaw b'din il-kawża.

**In kontro-eżami**, xehed[14] li huwa waqaf jaħdem ir-raba' in mertu meta kienu ser jaqsmu. Iżid li dan ma' jfissirx li huwa abbanduna r-raba'. Jgħid li l-fatt li waqaf jaħdem ir-raba' ma' jfissirx li ma' kienx imur fih kemm għall-għodda li għandu fil-kamra kif ukoll sabiex jittendi għas-siġar taż-żebbuġ billi jiżbor, jaqta ż-żebbuġ, u jsaqqi, kif ukoll sabiex itella' il-ħitan tas-sejjiegħ meta dawn jaqgħu bil-maltemp.

Jaqbel li ċ-ċavetta tal-kamra għadha f'idejh u s-serratura għadha l-istess, ma' nbidlitx. Jaqbel għalhekk li fuq il-kamra m'hemmx kwistjoni għax ma' ntmessitlux.

Jaqbel ukoll li s-siġar għadhom hemm. Jgħid li minkejja dan huwa issa ma' jistax jidħol bil-kumdita' tiegħu stante li nħadmet l-art madwar is-siġar b'tali mod li l-konvenut għalaq il-passaġġi billi ħadimhom b'dan li ma' jista jidħol ħadd.

Mistoqsi nbeniex xi ħajt jew saritx xi xatba li tinnega l-aċċess jgħid li le. Iżid iżda li fejn żergħa l-konvenut ma' tistax tgħaffiġlu. Jgħid li l-konvenut żergħa l-ful apposta sabiex minn hemm ma' jgħaddi ħadd. Jgħid li tant dan huwa minnu li sa Lulju l-ful kien baqa' ma' nġabarx. Jgħid li ttenta jgħaddi bit-traktor minn band'oħra u nqaleb fl-għalqa ta' taħt u kellu jġib gaffa sabiex itella t-traktor. Iżid li dan stante li l-passaġġi mnejn kien jgħaddi qabel ġew magħluqha.

Jgħid li huwa hemm għandu tletin siġra taż-żebbuġ. Iżid li dielja għandu waħda, mal-kamra.

[13] Ebda ritratt ma' jisntab in atti liema atti huma integri.
[14] Traskrizzjoni a fol 70 sa 79.

Mistoqsi xi bżonn għandu ta' traktor u jekk jistax jgħaddi bir-riġlejn jgħid li fejn inħadem mhux ser jgħaffeġ.

Mistoqsi jaqbilx li huwa waqaf jaħdem ir-raba' wara kawża oħra jgħid li le. Iżid li waqaf jaħdem il-ħamrija biss meta qalulu li riedu jaqsmu. Iżid li hawn għadu jidħku bih billi jsiru appuntamenti għand l-avukati u ma' jidhrux.

Jgħid li l-konvenut qabad u kkapparra qata' mir-raba' billi ħarat l-istess inkluż fejn kienu l-passaġġi li minnhom kien jgħaddi hu.

Mistoqsi x'kien jagħmel hu b'wiċċ ir-raba' qabel waqaf jaħdmu jgħid li kien jagħmlu saqwi u kien ikabbar tadam, ħjar, bżar, brunġiel, eċċ.

Mistoqsi kif kien jgħaddi għas-siġar meta kien hu li jkollu dawn il-ħwejjeġ miżrugħa jgħid li huwa qatt ma ħadem il-passaġġi. Jgħid li kif inhu r-raba' issa sabiex tgħaddi trid tgħaffeġ fejn ħadem il-konvenut u jaqla' l-inkwiet.

Mistoqsi jaqbilx li ħuh Michael ma' ħadimx l-art kollha iżda biss il-biċċa li tħalliet lilu skont it-testment ta' ommhom jgħid li l-pjanta mat-testment mhux ommhom għamlitha. Jgħid li l-pjanta ordnaha l-konvenut stess biex iħawwad kif jaqbillu u b'mod li ħadd ma' jidħol fir-raba'.

Jaqbel li l-pjanta kienet mat-testment.

Jinsisti li r-raba' huwa tal-Gvern u għandu jinqasam bejn l-aħwa mhux minn ħaddieħor. Jgħid li ħuh il-konvenut għamel kif deherlu hu mingħajr kunsiderazzjoni lejn kif jaċċedi ħaddieħor.

Jaqbel li skont it-testment ta' ommhom huwa eredi flimkien ma' ħutu. Jaqbel ukoll li t-testment hu aċċettah. Iżid iżda li aċċettah għax tradewh.

**Josephine Cauchi**, mart l-attur Carmelo Cauchi, xehdet permezz ta' affidavit.[15]

[15] Affidavit a fol 19.

Tiddikjara li r-raba' "Ta' Għajn Naħrin" tafu. Iżżid li wara li fit-28 ta' April, 2017 nqatgħet kawża li żewġha kellu ma' ħutu, huma xorta baqgħu jaħdmu tali raba' u dan għal xi sena u nofs. Tgħid li waqqfu biss jaħdmu r-raba' fis-sens li waqqfu jiżirgħu stante li r-raba' kien għal qasma.

Tiddikjara li minkejja li waqqfu jiżirgħu kienu jinżlu fir-raba' stante li fil-kamra għandhom l-għodda u anke sabiex jaqtgħu l-ħaxix għan-nagħaġ u jaqtgħu ż-żebbuġ.

Tgħid li ħadd qatt ma' tellifhom jew żammhom milli jkomplu fil-pussess tat-tali raba' u qatt ma' raw lil ħaddieħor jipprova jeżerċita pussess fuqu.

Tgħid li fit-22 ta' Ottubru, 2021 żewġha mar lura d-dar wara li kien fir-raba' u qalilha li ħuh Michael kien ħadem tali raba'. Iżżid li dik kienet l-ewwel okkazzjoni li fiha huma ġew imtellfa mill-pusess tat-tali raba'.

**Karl Borg**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet, xehed[16] li l-*plot* numru Z50133 huwa suġġett għall-applikazzjoni u ittra mis-Sur Vince Gilson lil Mary Cauchi, Salvina Hili, Jane Attard, Carmelo Cauchi, u Michael Cauchi fejn l-istess ġew infurmati li ġew rikonoxxuti *in solidum* fuq ir-raba' tal-Gvern magħruf bħala "Ta' Għajn Naħrin" fil-Qala.

Jeżebixxi kopja tal-ittra ta' rikonoxximent.[17]

Jezebixxi wkoll kopja ta' rapport ta' uffiċjal tal-Awtorita' tal-Artijiet.[18]

Jgħid li tali persuni daħlu minflok Joseph Cauchi.

Jgħid li bħala pjanta għandu dik tar-Reġistru tal-Artijiet li pero' mhijiex il-pjanta li kienet mal-kuntratt l-antik.

---

[16] Traskrizzjoni a fol 41 sa 43.
[17] Ittra ffirmata minn Vince Gilson, datata t-3 ta' Marzu, 2006, u ndirizzata lill Mary Cauchi, Salvina Hili, Jane Attard, l-attur Carmelo Cauchi, u l-konvenut Michael Cauchi – a fol 46.
[18] Kopja a fol 47 u 48.

*Hawnhekk il-partijiet jaqblu li l-art mertu tal-kawża hija proprju dak il-plot li x-xhud qieghed jixhed fuqu.*

**In kontro-eżami**, xehed[19] li jaqbel li meta l-Awtorita' tirrikonoxxi nkwilini *in solidum*, tali solidarjeta' tapplika biss fil-konfront tagħha, bl-inkwilini jistgħu jżommu pussess separat u distint minn xulxin.

Jgħid li huma ma' jikkonċernawx ruħhom bil-qasma bejn l-inkwilini *in solidum*.

**In re-eżami**, xehed[20] li da parti tal-Awtorita' il-pussess tal-art ingħata lill-persuni kollha li semma flimkien *in solidum*.

**Michael Cauchi**, il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[21]

Jiddikjara li huwa minnu li huwa niżel jaħrat ir-raba' in mertu f'Ottubru. Iżid iżda li dan għamlu wara li tali raba' kien tħalla abbandunat sa mill-2017. Jgħid li l-fatt li r-raba' ma' kienx baqa' jinħadem jikkonfermah ħuh, l-attur Charlie, stess.

Jgħid li huwa għandu l-qbiela ta' dan ir-raba' favur tiegħu u huwa rikonoxxut *in solidum* ma' ħutu l-oħra nkluż l-attur Carmelo. Iżid li reċentement kien hu li kien iħallas il-qbiela kollha u ħadd minn ħutu ma' kien jikkontribwixxi.

Jgħid li mal-Awtorita' ir-raba' in mertu huwa magħruf bħala *tenement Z50133 – 3rd Portion of Farm Ta' Ghajn Nahrin, Qala*.

Jiddikjara li meta huwa mar jaħrat ir-raba' dan kien kollu xewk u mingħajr wiċċ. Iżid li l-kamra ma' messiex kif anqas mess is-siġar taż-żebbuġ għalkemm kellu u għandu dritt imisshom stante li għandu l-pussess tar-raba' ukoll.

Jiddikjara li huwa daħal biss fil-porzjon tar-raba' li ommu ħallietlu bit-testment tagħha. Jgħid li tali testment kien aċċettat minn ħutu kollha.

[19] Traskrizzjoni a fol 43 sa 45.
[20] Traskrizzjoni a fol 45.
[21] Affidavit a fol 67.

Jgħid li ħuh Charlie ma' jridtx jaħdem ir-raba' in mertu iżda anqas irid li jaħdmu ħaddieħor.

Jgħid li ċ-ċwievet tal-kamra għadhom f'idejn ħuh Charlie. Iżid li huwa qatt ma' waqqaf jew fixkel lil Charlie milli jaċċedi għall-kamra.

Jgħid li ftit xhur wara li huwa beda jaħdem dan ir-raba' ħuh Charlie beda jaħdem il-kumplament tar-raba'.

Iżid li din il-kawża hija biss frott pika li ħuh għandu fil-konfront tiegħu.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-attur, wara li ppremetta li huwa jippossjedi r-raba' magħruf bħala "Ta' Għajn Naħrin" sive "Għajn tal-Ħaġar" fil-limiti tal-Qala, Għawdex u li nhar it-22 ta' Ottubru, 2021 il-konvenut qabad u daħal f'porzjon minn dan l-istess raba' u ppussessa hu ruħu minnha, talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tiegħu billi telfu l-pussess ta' ħwejġu meta qabad u ħarat porzjon mir-raba' miżmum minnu u tikkudnanna għalhekk lill-konvenut sabiex jisporga l-ispoll minnu kommess billi jiżgombra minn tali raba' u jneħħi kull ostaklu li għamel għad-dannu tiegħu *qua* attur.

Talab ukoll li fin-nuqqas ta' adempiment tal-konvenut ma' tali ordni tal-Qorti jkun hu awtorizzat jagħmel dak kollu neċessarju, okkorrendu taħt id-direzzjoni ta' perit nominand, a spejjeż tal-konvenut.

Il-konvenut laqgħa għal dan billi eċċepixxa li ma' jaqbilx mal-fatti kif esposti mill-attur stante li mhux minnu li l-attur għandu l-pussess esklussiv tar-raba' in mertu, li huwa filmkien mal-attur u ħuthom oħra huma lkoll rikonoxxuti mill-Awtorita' tal-Artijiet bħala utenti tal-istess raba' b'dan li għalhekk hu għandu kull dritt jaħdem tali raba', li l-azzjoni

attrici ma' tistax tirnexxi għaliex ma' jissussistux l-elementi tal-*actio spolii*, u li huwa ma' ikkommetta ebda spoll a preġudizjzu tal-attur b'dan li t-talbiet atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oġġett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.[22]

---

[22] Ref. ukoll id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe***.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluż dak ċivili *kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz*.[23]

Ingħad infatti:

> *"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[24]

Dan il-ħsieb huwa konsistentement rifless fid-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott*** fejn ġie ritenut:

> *Biex tirnexxi l-azzjoni ta` spoll privileggjat, l-attur għandu jipprova li hu kellu l-pussess, li gie spoljat minn dak il-pussess, u li ddeduca l-azzjoni fi żmien xahrejn mill-pretiz spoll.*
>
> *Fil-kawzi ta` spoll il-Qorti għandha tillimita l-eżami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, bla ma tidhol fil-petitorju; b'mod li ma jistghux jigu kumulati l-possessorju u l-petitorju. Ghax fil-gudizzju possessorju jigi gudikat il-"jus possessionis", u mhux il-"jus possidenti", bla hsara tad-drittijiet petitorji.*
>
> *Il-pussess tutelat b'din l-azzjoni hu, b'ligi, il-pussess "ta` liema xorta jkun"; b'mod li fl-azzjoni ta` reintegra mhux lecitu li jigi nvestigat ix-xorta ta` pussess ta` l-ispoljat, basta dan ikollu s-semplici pussess "di fatto", ma hemmx bzonn li jigu eżaminati fatturi ohra "ad colorandum possessionem"; u mhumiex rilevanti provi ohra li ma jaslux biex jinnewtralizzaw dak il-pussess.*

Din l-istess deċiżjoni kompliet sabiex irriteniet oltre li:

---

[23] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

[24] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.

*L-att ta` tolleranza li jiswa biex jeskludi dak il-pussess hu dak li jsir b'semplici kortesija jew permess ta` ħaddieħor, revokabili "ad nutum", u mhux att li jkun ezercitat minghajr ebda koncessjoni prekarja ta` ħadd, imma bl-animu ta` ezercizzju ta` pretensjoni ta` drittijiet.*

*Sabiex jigi sodisfatt ir-rekwizit tal-vjolenza ma hemmx bzonn il-"vis atrox", cjoe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid.*

*Biex din l-azzjoni tkun esperita b'success l-attur irid jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Mhux mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tiegħu.*

Dwar l-ewwel element tal-pussess, li huwa meħtieġ, allura, huwa li attur f'kawża ta' spoll jipprova li fil-mument li seħħ l-att spoljattiv, hu kien fil-pussess jew detenzjoni tal-oġġett, bi kwalsiasi mod dawn ġew f'idejh, basta li l-istess pussess jew detenzjoni jkunu *'di fatto'*.

Jingħad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta waħda huwa suffiċjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u mhux ibbażat fuq mera tolleranza.[25]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-30 ta' April, 2004 fl-ismijiet ***Farrugia Carmelo et vs Farrugia Carmelo et,***[26] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li pussess kwalunkwe', anke purament materjali iżda di fatto, anke qasir ħafna u saħansitra momentarju huwa suffiċjenti, basta jkun univoku u ma jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.

Dan għaliex huwa ben risaput illi minn jiddetjeni ħaġa b'sempliċi tolleranza ma' jistax jeżerċita l-*actio spolii*.

Dwar is-sempliċi tolleranza, oltre dak diġa' iċċitata *supra* mid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, fid-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ġunju, 2004 fl-ismijiet

[25] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[26] Citazzjoni Numru. 564/1998/1.

***Marianna Dean vs Joseph Abela,***[27] ġie ritenut li m'hemmx pussess tutelabbli fejn hemm sempliċi tolleranza.

B'dan li, fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-25 ta' Mejju, 2007 fl-ismijiet ***Michael Aquilina et vs Andrew Briffa et,***[28] il-Qorti tal-Appell sostniet li:

> *Huma meqjusin bħala atti ta' semplici tolleranza dawk imnissla "nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altrui faccia sulla cosa che gli appartiene cio` che non avrebbe diritto alcuno di farvi" - Ricci, "Corso Teoretico - Practico di Diritto Civile", Vol. V. pagna 73. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun zamma b'semplici tolleranza dik fejn il-haga tkun mizmuma b'semplici kortezija jew fejn ħaddieħor ikun jista' jirtiraha x'hin irid. B'zieda ma' dan kollu, jingħad ukoll li l-ghemejjel ta' semplici tolleranza għandhom xejra ta' transitorjeta` u saltwarjeta`.*[29]

Il-Qorti hija wkoll konxja mill-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża sabiex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[30] Huwa proprju għalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi tagħmel referenza espressa għall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu.

Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll mingħajr ma' tidħol fil-petitorju.

Fil-kawża *de quo*, l-attur jikkontendi li huwa kien ilu fil-pussess tar-raba' in mertu sa minn eta' żgħira u li għajr għal xi xhur fejn kien imsiefer, dejjem ġie lura sabiex reġgħa ħa l-pussess u kompla jaħdem l-istess raba'.

[27] Appell Civili Numru. 930/2003/1.
[28] Appell Civili Numru. 2947/1996/1.
[29] Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar it-12 ta' Jannar, 2005 mil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Cuschieri v. Cilia***.
[30] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

L-attur iżid li jekk huwa waqaf jaħdem il-wiċċ tar-raba' għal xi żmien waqt li kienu għaddejjin trattativi sabiex isseħħ id-divizjoni tal-istess raba' bejnu u bejn ħutu, dan ma' jfissirx li huwa abbanduna l-pussess tar-raba' tant li jinsisti li huwa dejjem baqa' jidħol fir-raba' in mertu kemm sabiex jaċċedi għall-kamra li għandu fl-istess fejn iżomm xi għodda kif ukoll sabiex jittendi għal varji siġar taż-żebbuġ u dielja li għandu fl-istess raba' billi jaqta' il-frott, jisqi, u jiżbor tali siġar.

L-attur iżid jgħid ukoll li l-pussess tiegħu ġie biss turbat meta fit-22 ta' Ottubru, 2021 huwa mar fir-raba' in mertu u sab lill-konvenut ħuh jaħdem l-istess raba'. Aktar tard fix-xhieda tiegħu mogħtija quddiem din il-Qorti in kontro-eżami, l-attur iżid jgħid li ħuh ħarat il-wiċċ ta' porzjon mir-raba' in mertu b'mod li mhux biss spoljah mill-pussess tat-tali porzjon li ħadem iżda wkoll mill-pussess tar-rimanenti porzjon tal-istess raba' billi ħarat il-passaġġi b'dan li hu anqas seta aktar jaċċedi għas-siġar u għall-kamra li għandu fir-raba' u li tagħha għadu fil-pussess taċ-ċwievet.

It-testimonjanza tal-attur ġiet korroborata kemm minn martu u uliedu li lkoll xhedu f'dawn il-proċeduri permezz ta' affidavit kif ukoll minn terzi ndipendenti li għandhom raba' fil-viċin ta' dak in mertu u li lkoll xehdu li fir-raba' in mertu jafu biss lill-attur u lill-uliedu u li kull meta kien hemm bżonn li jkellmu lil xi ħadd fir-rigward dejjem kellmu lill-attur jew lill-uliedu.

Il-konvenut, li jiġi ħu l-attur, jixhed li huwa ma' ikkommetta ebda spoll a preġudizzju tal-attur stante li ħu, l-atturi, u ħuthom oħra jipposjedu l-istess raba' flimkien u stante wkoll li huwa daħal biss jaħdem dik il-porzjon tar-raba' in mertu li huwa ntitolat għaliha skont testment ta' omm il-partijiet. Il-konvenut iżid jgħid li l-attur kien abbanduna l-istess raba' iżda dan ilkoll waqt li jaqbel li ċ-ċwievet tal-kamra li hemm fir-raba' għadhom f'idejn ħuh.

Fid-dawl ta' dawn it-testimonjanzi diverġenti, huwa paċifiku dak li jinsab ritenut, *inter alia*, fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et,***[31] ossia; li meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament

[31] Appell Civili Numru. 152/1999/2.

jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[32] ġie ritenut:

> *Fil-kamp civili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti għall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

F'dan il-każ odjern din il-Qorti tqies ferm aktar verosimili l-verżjoni mogħtija mill-attur li jekk huwa ma' baqax jaħdem il-wiċċ tar-raba' in mertu dan ma' jfissirx li "abbanduna" l-istess raba' iżda jfisser biss li ma' baqax jaħdem il-wiċċ tar-raba' filwaqt li baqa' jippossjedi l-istess. Dan a kuntrast tal-verżjoni tal-konvenut li jallega li l-attur abbanduna r-raba' in mertu għal kollox.

Dan it-twemmin din il-Qorti tasal għalih mhux biss fuq dak li xehed l-attur iżda wkoll fuq il-fatt li terzi kkorroboraw li lill-attur dejjem jafuh fir-raba' in mertu filwaqt li l-konvenut inniffsu jgħid li r-raba' kien "abbandunat" iżda ma' jiċħadx li ħuh kien għad kellu ċ-ċwievet tal-kamra li tinsab fih.

Oltre minn hekk il-konvenut jinsisti dwar drittijiet pretiżi minnu abbażi tal-fatt li kemm hu kif ukoll l-attur u ħuthom oħrajn huma lkoll rikonoxxuti mal-Awtorita' tal-Artijiet bħala l-utenti reġistrati tar-raba' in mertu. Il-konvenut jinsisti wkoll fuq il-fatt li fit-testment tagħha ommhom ħalliet ir-raba' in mertu lilu, lill-attur, u lill-ohthom oħra b'dan iżda li annettiet pjanta fejn identifikat kif kellha tinqata l-parti diviża tiegħu mir-raba' prelegat lilu, lill-attur, u lil tali oħthom oħra.

[32] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

Din il-Qorti iżda ssostni li kif jemani mill-ġurisprudenza u t-tagħlim tal-awturi suċċitati, hija m'għandix tidħol fi kwistjonijiet petitorji stante li l-*actio spolii* tikkonċerna ruħha biss bil-"*jus possessionis*", u mhux il-"*jus possidenti*", bla ħsara tad-drittijiet petitorji.

Il-Qorti għandha għalhekk tillimita l-eżami tagħha għall-fatt tal-pussess jew detenzjoni dakinhar li seħħ l-ispoll u għall-fatt li tali ma' kienux suġġett ta' xi tolleranza li teskludi l-pussess rikjest sabiex tirnexxi l-*actio spolii*.

L-attur jixhed u x-xhieda mressqa minnu jikkonfermaw li dakinhar stess tat-22 ta' Ottubru, 2021 huwa niżel fir-raba' in mertu u sab lil ħuh il-konvenut jaħrat l-istess raba'. Dan filwaqt li jipprova konvinċentement li huwa kien ilu fil-pussess tal-istess raba' għal ferm qabel dakinhar.

Hija għalkhekk il-fehma ta' din il-Qorti li dakinhar li seħħet l-azzjoni spoljattiva l-attur kien fil-pussess tar-raba' in mertu liema pussess ma' jirriżultax li kien abbażi tas-sempliċi kortesija jew permess revokabbli ta' ħaddieħor u allura, ma' kienx fuq mera tolleranza.

B'dan li għalhekk din il-Qorti tqies li l-element tal-pussess rikjest sabiex tista tirnexxi kawża ta' spoll ġie sodisfatt.

Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina l-elementi l-oħra rekwiżiti f'kawża ta' spoll u tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwarhom inkluż fid-dawl ta' dak hawn fuq diġa' kkunsidrat.

**Rigward it-tieni element, il-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu –** ***spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess, jingħad kif isegwi:

> *Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll*

*mahsub li l-għamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur għall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [33]

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-pussess tal-attur ġie turbat mill-konvenut meta l-konvenut daħal f'parti mir-raba' possedut mill-attur u ħarat l-istess.

Dan jammettih il-konvenut inniffsu fl-affidavit tiegħu suċċitat fejn jammetti li f'Ottubru huwa daħal u ħarat din l-għalqa.[34]

Huwa minnu li l-konvenut jinsisti li huwa għamel hekk biss stante li fil-fehema tiegħu kellu kull dritt jaghmel hekk kemm għaliex huwa wkoll rikonoxxut mal-Awtorita' tal-Artijiet bħala utenti tar-raba' in mertu u kemm għaliex skontu huwa ħarat biss dik il-porzjon minn tali raba' li ommu effettivament riedet li tkun tiegħu skont id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha suċċitati.[35]

B'dan iżda li ġjaladarba ġie misjub li l-attur kellu l-pussess effettiv rikjest sabiex tirnexxi kawża ta' spoll, inkluż tal-parti li daħal fiha l-konvenut, l-att spojattiv huwa ppruvat lil'hemm minn kull dubbju bl-ammissjoni tal-konvenut inniffsu.

Dwar l-element tal-vjolenza tal-att spoljattiv, din il-Qorti terġa tagħmel referenza ampja għad-deċiżjoni diġa' suċċitata mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott***, il-ħsieb asserit f'liema tagħmlu tagħha.

F'dan il-każ, il-fatt li l-attur hass il-ħtieġa jibgħat ittra uffiċjali dwar l-att spoljattiv[36] u anke proċedua b'din il-kawża u l-konvenut ma' allegax li dak li għamel meta daħal fir-raba' u ħarat porzjon minnu seħħ bi ftehim ma' jew bl-awtorizzazzjoni tal-attur, juri ċar li l-att spoljattiv seħħ kontra l-volonta' u l-kunsens ta' l-attur u jista għalhekk jitqies bħala wieħed vjolenti.

---

[33] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

[34] Ref.: l-ewwel linja tal-affidavit tal-konvenut a fol 67.

[35] Ref. kopja tat-testment ta' omm il-partijiet kontendenti a fol 62 *et seq*.

[36] Ittra ufficjali numru 681/2021 tat-28 ta' Ottubru, 2021 li l-attur kien bghat lill-konvenut sabiex iwiddbu li l-agir tiegħu jammonta għal-spoll kif ukoll ghar-reat ta' *ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kodici Civili u jinterpellah jirripristina kollox fl-istat li fih kien qabel l-agir tiegħu – kopja a fol 4.

B′dan li għalhekk anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta′ spoll jirriżulta ppruvat u sodisfatt.

**Rigward it-tielet element, l-*infra bimester deduxisse*.**

Dwar dan l-aħħar element kostituttiv tal-*actio spolii*, l-attur jixhed li huwa mar fir-raba′ in mertu u sab lil ħuh il-konvenut fl-istess nhar it-22 ta′ Ottubru, 2021.

Tali datat jikkonfermawha wkoll uliedu u martu b′martu tgħid li dakinhar stess żewġha l-attur mar lura d-dar mill-għalqa u qalilha b′dak li kien seħħ.

Id-data tat-22 ta′ Ottubru, 2021 tirriżulta wkoll mill-ittra uffiċjali numru 681/2021 tat-28 ta′ Ottubru, 2021 li l-attur kien bagħat lill-konvenut sabiex iwiddbu li l-aġir tiegħu jammonta għall-spoll kif ukoll għar-reat ta′ *ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Ċivili u jinterpellah jirripristina kollox fl-istat li fih kien qabel l-aġir tiegħu.[37]

Il-konvenut ma′ jinnegax tali data u anqas jipprova jgħid li semmai kien aktar kmieni li huwa daħal fir-raba′ in mertu. Dan billi fl-affidavit tiegħu jgħid biss li kien f′Ottubru li huwa daħal fir-raba′ in mertu u ħarat porzjon minnu.[38]

Premess li din il-kawża odjerna ġiet intavolata nhar is-17 ta′ Diċembru, 2021[39] anke dan l-element kostituttiv tal-azzjoni ta′ spoll jirriżulta sodisfatt.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda taqta′ u tiddeċiedi din il-kawża billi

[37] Ref.: kopja tal-ittra a fol 4.
[38] Ref.: l-ewwel sentenza tal-affdavit tiegħu – affidavit a fol 67.
[39] Ref.: timbru tar-Registru tal-Qorti a fol 1.

filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

i. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-attur billi tellfu fil-pussess ta' ħwejġu meta nhar it-22 ta' Ottubru, 2021 ħarat parti mir-raba' magħruf bħala "Ta' Għajn Naħrin" ġja "Għajn tal-Ħaġar" sitwat fil-limiti tal-Qala, Għawdex;

ii. tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tikkundanna għalhekk lill-konvenut sabiex fi żmien xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni jisporga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jiżgombra mir-raba' imsemmi u jneħħi kull ostaklu li għamel għad-dannu tal-attur;

iii. tilqa' it-tielet (3) talba attriċi u tawtorizza għalhekk lill-attur sabiex fin-nuqqas tal-konvenut li jagħmel dak ordnat minnu fiż-żmien konċess, jgħaddi huwa, attur, sabiex jagħmel dak neċessarju a spejjeż tal-konvenut, okkorrendu taħt id-direzzjoni tal-Perit Alexei Pace.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-ittra uffiċjali numru 681/2021 tat-28 ta' Ottubru, 2021 a karigu tal-konvenut.

(ft.) Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

D/Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Reġistratur